Minuti tal-laqgħa numru tmintax (18) tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi (KLQ) li nżammet nhar it-Tnejn, 13 ta' Ottubru, 2025 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Qrendi, f'7, Triq il-Knisja, il-Qrendi fil-5.30pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Is-Sur David Michael Schembri | Sindku |
| | Is-Sa Anthea Sacco | Viċi Sindku |
| | Is-Sa Marion Parnis | Kunsillier |
| | Is-Sur Karmenu Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sa Rachel Aquilina | Segretarju Eżekuttiv |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Deputat Segretarju Ezekuttiv |
| SKUŻATA: | Is-Sa Nina Skye Briffa | Kunsillier |

18.01 **Qari tal-ittri ta' apoloġija** — Presedenza u Apoloġiji

Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri, ppresjeda l-laqgħa u l-membri qalut t-talba flimkien. Is-Sa Nina Skye Briffa bħalissa qed tirrappreżenta lill-Kunsill Lokali tal-Qrendi fi Brussell (Committee of the Regions) u għaldaqstant ma setgħetx tkun magħna.

18.02 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tas-seduta numru sbatax** — Minuti

Il-minuti tas-seduta numru sbatax (17) kienu meħuda b'moqrija għaliex ingħataw lill-membri mal-agenda, ma kienx hemm korrezzjonijet u dawn ġew imressqa għal-vot mis-Sa Anthea Sacco u kienu ssekondati mis-Sur Karmenu Farrugia. Il-mintui kienu approvati unanimament mingħajr korrezzjonijiet.

18.03 **Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti SCH01(09_09_25 – 13_10_25) u tal-petty cash SCH 208(01_09_25-30_09_25)** — Skeda tal-Pagamenti u l-Petty Cash

L-iskeda tal-pagamenti u tal-Petty Cash bir-referenzi murija hawn fuq kienu approvati unanimament wara li ġew imressqa għall-vot u

ssekondati mill-kunsillieri li jidhru li ffirmaw fuqhom. Dawn qed jittieħdu bħala dokument tal-agenda.

18.04 **Mozzjoni – Roundabout Tematika & Arblu tal-bandiera**

Roundabout Tematika u Arblu tal-Bandiera tal-Qrendi

Il-mozzjoni inqrat dak il-ħin mis-Sur Karmenu Farrugia li tkellem dwar kif fil-passat din ir-roundabout kien jinbidlilha l-kulur li jintefa' fuq il-ħaġar kbir li jinsab fiha. Dan biex jirraffigura per eżempju x-xahar li qegħdin fih – Pink October.

Is-Sur David Michael Schembri ta r-remote li jaqleb il-kulur tad-dawl lis-Sa Anthea Sacco, wara li is-Sur Karmenu Farrugia rrifjutaha. Dan sakemm jinstab xi ħadd mil-ħaddiema tal-Kunsill li jkun lest li jagħmel dan wara l-ħin tax-xogħol meta din tkun qed tixehel b'mod awtomatiku x'ħin jidlam. Is-Sur David Michael Schembri qal li dan jista' jsir b'mod volontarju jew inkella jkun inkarigat xi ħadd li jitħallas.

Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri tkellem dwar il-propost arblu tal-bandiera u qal li dan mhux possibbli li jitħawwel fir-roundabout minħabba li taħtha għaddejjin diversi servizzi tal-elettriku/ilma/irrigazzjoni.

Il-mozzjoni għaddiet unanimament fil-prinċipju minkejja li biex tkun attwata, fejn jista' jiġi mħawwel l-arblu għadna ftit inċerti minħabba li rridu lil xi ħadd tekniku jgħidilna fejn hu s-sit addattat u l-istess persuna tkun inkarigata li mhux biss tibdel id-dwal iżda ttella' l-bandiera tal-Qrendi wkoll mal-arblu.

**18.05 Punti Oħra**

18.05.01 Is-Sur David Michael Schembri tkellem dwar il-librara s-Sa Anna Portelli li ħallietna. Il-Kunsill uffiċjalment jagħti l-kondoljanzi lill-qraba tagħha u mill-att amministrattiv jidher li dħalna fi problema. Dan għaliex id-Dipartiment tal-Libreriji pubbliċi ġegħlna noħorġu sejħa ta' applikazzjoni kif fil-fatt konna tellajna fuq is-medja soċjali għax konna nfurmati li rridu noħorġuha aħna fuq mudell li tawna tal-Kunsill Lokali ta' Bormla. Madankollu ftit tax-xhur ilu dan id-dipartiment ipprova jagħmlu ftehim mal-Kunsilli Lokali li ġie analizzat mir-Reġjun Punent li qed jirrifjuta li jiffirmah għan-nom tagħna. Dan għaliex jobbliga lill-Kunsilli Lokali li jagħmlu risk assessment u insurance tal-post li ironikament hu fir-responsabbilità, fil-każ tagħna tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni għaliex jinsab f'parti minn skola. Għaldaqstant kellna nwaqqgħu is-sejħa minkejja li kien hemm diġà persuna mħajra li tapplika għal librar. Sadanittant, is-Sur David Michael Schembri qal li dawk li jixtiequ jieħdu ktieb, għandhom il-faċilità li jmorru f'libreriji oħrajn bħal dik taż-Żurrieq li tinsab viċin. Din il-biċċa mistennija li titwal għaliex min ikun ingaġġat irid jieħu t-taħriġ apposta fuq l-apparat tal-libreriji pubbliċi u qed nistennew mir-Reġjun Punent li jibgħatilhom ittra legali biex ir-responsabbilità tibqa' tagħhom fl-intier tagħha.

Librar/a

| | | |
|---|---|---|
| 18.05.02 | Kien deċiż illi l-Festival tal-Patata tas-sena 2026 jsir nhar is-7 ta' Ġunju u għalih ikunu mistiedna l-persuni mill-Kroazja li ftit tal-ġimgħat ilu kienu qed jilqgħu delegazzjoni mil-Qrendi mmexxija mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Anthony Bonello fl-assenza tas-Sur David Michael Schembri, is-Sindku. Din id-delegazzjoni kienet iffurmata mil-Prinċipal tal-Kulleġġ San Benedittu f'Ħal Kirkop, is-Sa Roberta Argentu u l-Kap tal-Iskola Primarja tal-Qrendi, is-Sa Janice Cachia Schembri flimkien mas-Sur Louis Sammut li kien diġa' tela' hemmhekk aktar qabel. Il-materji li ġew diskussi kienu diversi, pero' il-mawra ma kienetx dwar il-ġemellaġġ iżda bħala parti mil-programm tas-Citizens, Equality, Rights and Values (CERV) tal-Unjoni Ewropeja u magħhom kien hemm diversi pajjiżi Ewropej rappreżentati. | Klanjec, Kroazja u l-Magazine |
| 18.05.03 | Dwar il-mawra fi Klanjec, id-Deputat Segretarju Ezekuttiv kien mitlub jagħmel artiklu fil-ħarġa tal-Magazin mis-Sa Anthea Sacco li nsisstiet li jidħlu l-istess artikli anke tal-kunsillieri sal-aħħar ta' Ottubru. Is-Sur David Michael Schembri qal li għandu artiklu verament interessanti dwar il-Mitħna li hu bl-Ingliż. Is-Sa Anthea Sacco qalet li rridu nagħmlu l-pagament bil-quddiem tal-Maltapost plc għat-tqassim tal-magazine. | Magazine |
| 18.05.04 | Kien ippreżentat ir-rapport tal-intervisti ta' skrivan Skala XV wara li l-intervisti saru lill-kandidati nhar id-9 ta' Ottubru, 2025, mis-Sur David Michael Schembri, is-Sa Rachel Aquilina u s-Sur Anthony Bonello. Dan ir-rapport kien approvat unanimament. Din il-materja hija urġenti ħafna fid-dawl tal-fatt li aktar ma nħallu żmien għaddej dawn il-kandidati jistgħu isibu post ieħor u ma jibqgħux interessati u wkoll fid-dawl tal-fatt li l-uniku skrivan li hawn fil-KLQ, is-Sur Carl Falzon se jitlaq dalwaqt biex jaħdem xi mkien ieħor. | Skrivan Skala XV |
| 18.05.05 | Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri tkellem fuq tabella 3 dimenzjonali li turi l-postijiet ta' nteress fil-Qrendi. Hu qal li se jkun qed ikellmu dwarha s-supplier ta' dawn it-tabelli. | Tabella għall-Viżitaturi |
| 18.05.06 | Is-Sur David Michael Schembir qal li llum tkellem ma' min imexxi l-GAL Xlokk biex titwaħħal *totem screen* minflok dak li diġa' hemm u ma jaħdimx fil-Pjazza quddiem il-Knisja permezz ta' fondi Ewropej li hu stmat li tkun tiswa madwar Eur15,000. Hu qal li biex napplikaw hemm ħafna paperwork u xogħol amministrattiv. | Totem |
| 18.05.07 | Dwar iċ-Ċentru Ċiviku konna applikajna sabiex nottjenu permess għal *direct order* biex l-istess kuntrattur li kien qed jagħmel ix-xogħol tal-finishings tal-ground floor, ilesti wkoll ix-xogħlijiet fuq il-first floor. Din it-talba kienet saret lid-dipartiment Gvern Lokali biex ma noqgħodux noħorġu sejħa pubblika (tender) oħra wara li l-kuntrattur, is-CPI kien aċċetta li jagħmel dan b'żieda ta' 5% fir-rati tal-kuntratt. Id-Dipartiment talab konferma bil-miktub mingħand is-CPI u dawn issa infurmawna li m'għadhomx f'pożizzjoni li joffru dawn ix-xogħlijiet ta' finishings. Il-Perit tal-Kunsill qiegħed jinżamm infurmat b'kollox u jidher li għandu xi kumpanija oħra li lesta li taħdem b'dawn il-prezzijiet. | Ċentru Ċiviku |

| | | |
|---|---|---|
| 18.05.08 | Is-Sa Anthea Sacco żammet lill-Kunsill Lokali tal-Qrendi nfurmat bil-ħarġa għand l-ET il-President ta' Malta u qalet li din il-laqgħa kienet waħda akkoljenti ħafna. Hija ppreżentat riċevuta ta' Eur500 li ingħataw lill-President. | Żjara lill-President |
| 18.05.09 | Is-Sa Anthea Sacco tkellmet dwar il-Villaġġ tal-Milied li se jsir nhar it-13 ta' Diċembru 2025 fi Pjazza Santa Santa Marija. Hija qalet li mill-iskema tad-Dipartiment se nkunu qed nibbenefikaw minn Eur5,000 u hemm fondi oħrajn mir-Reġjun Punent.<br><br>Is-Sa Sacco qalet ukoll li kellmuha mill-Iskola ta' Hellen Keller biex jarmaw huma wkoll stall fl-istess villaġġ tal-Milied filwaqt li kienu diskussa rati apposta għal dawn l-istalls peress li se nkunu qed nilqgħu donazzjonijiet għall-ALS - biex ikun hemm laqta filantropika. Dwar il-kannizzati se naraw jekk nistgħux nisselfu dawk tal-Awtorità Maltija tat-Turiżmu u se nġibu l-kwotazzjonijiet għat-tiżjin tat-toroq tal-Milied. | Villaġġ tal-Milied |
| 18.05.10 | Dwar il-bilanċi tal-fondi li għad fadal niġbru mir-Reġjun Punent, is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri semma l-Pubblikazzjoni li qed tinkiteb dwar il-Kappella tal-Ħniena li se tkun qed tiffoka fuq il-kuntratti antiki li kienu saru. L-awturi huma s-Sur Michael Buhagiar flimkien ma' Mons Nicholas Doublet. Din il-pubblikazzjoni mistennija li tiġi inawgurata nhar it-18 ta' Diċembru, 2025 fl-istess Kappella tal-Ħniena. | Pubblikazzjoni ta' Ktieb |
| 18.05.11 | Is-Sa Anthea Sacco tkellmet fuq il-bżonn li ssir aktar insistenza fuq l-awtoritajiet konċernati biex tkun installata *speed camera* fi Triq it-Tempesta peress li hemm min qed jabbuża u jsuq b'veloċità qawwija li qed jipperikola ħajjet dawk li jkunu għaddejjin speċjalment bil-mixi. Dwar dan is-Sindku reġa' irrefera għar-rapport li kien għamel il-Kunsill dwar is-saħħa u s-siġurtà f'din it-triq. | Speed Camera |
| 18.05.12 | Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi se jkun qed jikkollabora mar-Reġjun Punent u l-Parroċċa tal-Qrendi biex nhar il-15 ta' Novembru, tkun organizzata attività li fil-fatt hija teatru spontanju immersiv, fis-Sala taċ-Ċentru Pastorali Qalb ta' Ġesù fil-Qrendi bl-isem *Arts for Social Change.* Dawn l-atturi ġejjin hawn wara li diġa' daru diversi Kunsilli Lokali tar-Reġjun bl-istess interpretazzjoni. | Arts for Social Change |
| 18.05.13 | Is-Sur Karmenu Farrugia staqsa jekk kienx hemm *follow up* dwar il-makna tal-BCRS li kienet qed tkun proposta fi Triq Ħal Lew. Ir-risposta tas-Sindku, kienet fin-negattiv u kien innotat illi s-servizz bieb bieb mid-Dipartiment tal-Indafa u l-Manutenzjoni qed jintlaqa' tajjeb ħafna mil-Qrendi. | BCRS Machine |
| 18.05.14 | Is-Sur Karmenu Farrugia staqsa wkoll dwar meta se jsir il-ftuħ tal-Berġa fiċ-Ċentru Ċiviku. Is-Sur David Michael Schembri, s-Sindku qal li qed nistennew il-*Compliance Certificate* biex tal-inqas ningħataw l-ilma u d-dawl fl-istess Berġa. Dwar is-*snag list*, intqal li l-kuntarattur mhux se jitħallas sakemm ilestihom. | Berġa |

| | | |
|---|---|---|
| 18.05.15 | Is-Sa Marion Parnis tkellmet dwar il-kors tat-Tagħlim tul il-Ħajja li beda' fiċ-Ċentru Qalb ta' Ġesù, nhar it-Tnejn 6, ta' Ottubru, 2025. Hija nfurmat lill-kunsill illi kollox hemm f'postu, projector, siġġijiet u anke l-WI-FI. | Kors fil-Benesseri (Well Being) |
| 18.05.16 | Is-Sur Karmenu Farrugia Is-Sa Marion Parnis tkellmet dwar il-problema fuq parkeġġ fi Triq Gregorio Mifsud, propju f'kantuniera minnhom fejn diġa' hemm *double yellow lines* u qed jipparkja fuqhom sid il-garage. | Triq Gregorjo Mifsud |
| 18.05.17 | Is-Sur Karmenu Farrugia talab għal darb'oħra illi tintbgħat talba mil-KLQ lill-Transport Malta biex issir *zebra crossing* fi Triq Rokku Buhagiar 'il fuq mill-ispiżerija. Is-Sur David Michael Schembri talbu sabiex jibgħat *site plan* fejn jixtieqha ssir peress li dan hu post sensittiv ħafna minħabba l-garages tan-nies u t-toroq li jagħtu għal Triq Rokku Buhagiar – liema zebra crossing irid ikollha buffer minnhom minħabba sigurtà. | Zebra Crossing |
| 18.06 | **Data tal-laqgħa li jmiss**<br>Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-11 ta' Novembru, 2025 fil-5.30pm u din spiċċat fis-7.30pm. | Aġġornament |

Magħmula minn Rachel Aquilina u apprpovat llum 11 ta' Novembru, 2025 minn David Michael Schembr

Segretarju Ezekutti — Sindku

R Aquilina